TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 45

Kaz. Nru. 54.

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Carmel (sive Charles) Gray
u
Messrs. Jodic Limited

Data: 5 ta' Gunju, 1979.

Chairman: C.J. Mallia.

Fis-7 ta' Marzu, 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Kultura, u Ghajnuna Socjali irriferit lil dan it-Tribunal, skond l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, l-allegazzjoni ta' Mr. Charles Gray li huwa kien gie mkecci ngustament mid-ditta Jodic Limited ta' Kordin Industrial Estate. Ix-xoghol ta' din id-ditta huwa fid-djamanti, u maghha s-Sur Gray kien impjegat bhala Trainee Diamond Cutter sa mit-18 ta' Ottubru, 1976, b'kuntratt ta' impieg li kien jistipula sitt xhur prova (probation).

2. Il-partijiet. Is-Sur Charles Gray kien assistit mis-Sur Alfred Pullicino, President tal-Jodic Limited Employees Union. Ghad-ditta dehret is-Sinjura A. Vella Bardon, Services Manager, assistita ghal l-ewwel mis-Sur Vincent Gatt, Production Manager, u aktar tard mill-Konsulent is-Sur Noel Scerri.

3. Smigh. Bejn l-20 ta' April u t-22 ta' Mejju, 1979, it-Tribunal zamm sitt seduti biex semgha dan il-kaz. Parti minn dawn is-seduti ntuzat biex jigu ttrattati eccezzjonijiet li qajmet id-ditta dwar in-nazzjonalita' ta' l-applikant u dwar il-kompetenza tat-Tribunal. Bil-mezzi li sgur ghanda, d-ditta kienet taf, jew imissa kienet taf, li dawn l-eccezzjonijiet kienu infondati.

4. Xhieda. Instemghu dawn ix-xhieda:

Dr. Godwin Muscat Azzopardi, B.A., LL.D.,
Konsulent Legali tal-Jodic Ltd. Employees Union.

Is-Sur Vincent Gatt, Production Manager, Jodic.

Is-Sur Francis Muscat, Diamond Cutter, Jodic.

Is-Sur Charles Zammit, Superintendent Sawing Section, Jodic.

Miss Lucia Vassallo, Checker, Jodic.

Miss Anna Soler, Mounter, Jodic.

Dawn ix-xhieda giebhom kollha l-applikant, hlief is-Sur Vincent Gatt, li kien xhud tad-ditta.

5. It-tkeccija. Is-Sur Gray gie mkecci minn dan l-impieg fit-2 ta' Frar, 1979. Ir-raguni li ghaliha d-ditta rriteniet li kellha tkecci lil Mr. Gray tohrog car minn ittra li d-ditta baghtet lil dan l-impjegat fit-2 ta' Frar, 1979, li kienet tghid hekk:

"Sur Gray,

Ghandna ninfurmawk li allavolja tajnik warnings ta' spiss, bil-miktub u verbali, fuq il-kwantita' tax-xoghol tieghek, int ma ghamiltx l-ebda sforz biex ittejjeb din il-kwantita'.

Ghalhekk il-Kumpannija ma ghandiex l-ebda alternativa hlief li titterminalek l-impieg mil-lum stess, 2 ta' Frar, 1979.

(Iffirmta) Mrs. A. Vella,
Jodic Limited".

Kopja ta' din l-ittra intbaghtet lid-Dipartiment tax-Xoghol. Sas-sottomissjonijiet finali taghha, d-ditta sostniet li r-raguni tat-tkeccija kienet "production". Din ir-raguni tqajjem konsiderazzjonijiet ta' production targets ghal grad ta' l-impjegat koncernat, li kif ghidna kien, u baqgha, Trainee Sawer.

6. Ftehim Kollettiv. F'Gunju, 1978, kien gie iffermat ftehim kollettiv bejn Jodic Ltd. u il-Jodic Ltd. Employees Union. Dan il-ftehim, fost hwejjeg ohra, jistabbilixxi rati ta' paga (para. 13); production targets (para. 6/ii, fejn jinkorpora il-kundizzjonijiet u regolamenti mahruga mill-kumpannija lil kull impjegat); u procedura dixxiplinarja (para. 24). Il-paragrafu 13, dwar rati ta' paga, isemmi l-appendices B,C,D,E,F,G, li huma mehmuzin mal-ftehim u li jaghtu l-paga ta' kull grad ta' mpjegat. Ma l-istess ftehim kollettiv, hemm 22 appendices ohrajn, li juru u jispjegaw il-production bonus ghal kull grad ta' mpjegat. Stranament, ebda riferenza ghal dawn it-22 appendices ma tidher fil-ftehim kollettiv. Izda z-zewg partijiet qablu li dawn jiffurmaw parti integrali mill-ftehim.

7. Iz-zewg fehmiet. L-ewwel u l-aqwa divergenza bazika bejn iz-zewg nahhat kienet il-production target li wiehed kien gustament intitolat jistenna minn Mr. Charles Gray, li kien ilu mal-kumpannija aktar minn sentejn. L-impjegat isostni li ghalih it-target kien ta' 100 kull jum, skond l-Appendix H (i) li jsemmi l-kategorija tieghu ta' Sawer (Trainee). Jodic Ltd. tghid li t-target ghal Mr. Gray kien ta' 250 kull jum,kif stabbilit ghal Sawers fix-schedule ta' production targets imwahhla mal-Kundizzjonijiet u Regolamenti inkorporati mal-Ftehim Kollettiv. Id-ditta tkompli ssostni li Appendix H (i) juri biss targets ghal skopi ta' bonus, fil-waqt li production targets huma bla dubbju dawk annessi mar-regolamenti.

8. Dwar "Targets". Id-ditta Jodic Ltd., li f'kaz precedenti quddiem dan it-Tribunal kienet ghamlet enfasi fuq il-good management u l-efficjenza taghha, ghal dak li jirrigwarda "targets" ma rnexxiliex turi car id-distinzjoni li hi qalet li hemm bejn production targets u bonus targets. Anke kieku wiehed jasal biex jammetti li t-22 Appendices H u I juru biss targets ghal skopi ta' bonus, kif tista tirraguna li wiehed li dejjem qabez il-bonus target (u kemm il-darba ma qabzux kien biss ma jiehux il-bonus) jista jigi mkecci ghax ma lahaqx target iehor

imsejjah production target (anke kieku dan kien japplika ghalih). It-Tribunal certament ma jridx jghid li ma ghandux ikun hemm production targets u incentive bonuses. Imma sgur li jrid jghid li kollox ghandu jkun car kemm f'mohh l-employer u kemm f'mohh l-impjegati. F'industrija li trid tkun dinamika u kompetittiva, ma hemmx lok ghal "muddled thinking".

9. Trainees. Anke kieku ma kienx hemm din il-konfuzjoni fil-kuncett ta' "Targets", hemm il-fatt li il-grad ta' Trainee ma hu msemmi mkien fil-"Jodic Ltd. - Kundizzjonijiet u Regolamenti ghal l-Impjegati Kollha". Hawn it-Tribunal jerggha jghid li ma jridx jindahal fir-ragunijiet ghaliex impjegat jibqa Trainee wara aktar minn sentejn. Ima bilfors ikollu jindahal fil-fatt li s-Sur Gray, bhala Trainee, ma huwiex marbut bil-production targets li hemm mar-Regolamenti. Hekk huwa jibqa biss marbut bit-target ta' 100 kull jum li hemm ghal Trainee Sawers f'Appendix H(i), u anke jekk ma jlahhaqx dak, l-uniku "kastig", biex nghid hekk, provdut huwa li ma jiehux bonus.

10. Procedura. Kif fakkar dan it-Tibunal fid-Decizzjoni tieghu Nru. 40 (23/3/79), Ftehim Kollettiv huwa "charter". Issejjahlu x'issejjahlu, ftehim kollettiv huwa fuq kollox ftehim, u bhala tali irid jigi rrispettat u segwit. Ghalhekk, numru ta' warnings (anke bil-miktub), li dan it-Tribunal dejjem sostna li huma mehtiega, ma jiswewx meta ftehim kollettiv jistabbilixxi procedura li ghanda ssir qabilhom. Warning, anke kieku kellu jkun bazat fuq target li japplika ghal l-impjegat in kwistjoni, huwa forma ta kastig. Ghalhekk, skond il-paragrafu 24, section (2), tal-Ftehim Kollettiv, qablu trid issir il-procedura shiha li hemm stabbilita, igifieri charge, twegiba, decizzjoni, appelli, u decizjoni finali. Fil-kaz prezenti, din il-procedura ma gietx segwita, u anke ghal dan biss il-kaz kontra s-Sur Gray jaqgha. Fl-istorja legali ta' Malta ta' dawn l-ahhar 50 sena, verdett kuntrarju ta' guri f'kaz kapitali kien waqgha minhabba difett proceduralі.

11. Punti Ohra.

(a) Espert. Jodic Ltd. esibiet kopja ta' rapport maghmul fis-7 ta' Dicembru, 1978, minn Mr. L. Schellens, espert olandiz fil-qtugh tad-djamenti. Dan ir-rapport ma giex awtentikat jew mahluf mill-awtur tieghu. Imma, billi hu ma huwiex krucjali ghal kaz u s-Sur Gray ma ikkontestahx, it-Tribunal accettah. Mr. Schellens qal: "Negative elements have to be dismissed. The following workers are negative for Jodic: Henry Farrugia, Charles Gray" (u ohrajn). "Incapable and unwilling elements have to be dismissed. ........ A strict application of production targets is necessary and also a severe control on quality". Ma hemmx dubbju li l-espert kien jaqbel li production targets iridu jkunu cari qabel jistghu jigu applikati strettament.

(b) Konsultazzjoni. L-ispirtu kollu ta' ftehim kollettiv huwa li l-employer jikkonsulta lill-union fuq kull ma jinqalgha ta' nteress komuni. Madankollhu, wara l-ftehim kollettiv id-ditta harget zewg cirkolarijiet fuq Produzzjoni, Nri. 10/78 u 13/78, minghajr il-konsult mehtieg. Dan juri nuqqas fir-rigward tal-ftehim kollettiv.

(c) L-impieg. Dan it-Tribunal fakkar diversi drabi kemm hu haga sagra l-impieg. Issa forsi wasal il-waqt li jfakkar li, mentri li ditta hija ta' l-azzjonisti jew proprijetarji taghha, ix-xoghol (labour) li tuza, u l-kondizzjonijiet li bihom tuzah, mhumiex taghha izda tal-haddiem, u jridu jigu rispettati. Ghalhekk il-paragrafu 7 tal-Ftehim Kollettiv, imsemmi "Management Clause", irid jinqara fid-dawl ta' dan il-hsieb, u ma jiggustifika ebda ksur tal-Ftehim li jkun sar.

12. Konkluzjonijiet. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal isib li t-tkeccija tas-Sur Gray ma kienetx gusta, u fi kwalunkwe kaz hija nulla ghaliex ma gietx segwita il-procedura dixxiplinarja stabbilita u miftehma, skond il-Ftehim Kollettiv.

13. AWARD. Ghalhekk jordna skond ma gej:

(i) Is-Sur Carmel (sive Charles) Gray ghandu jerga jinghata l-istess impieg li kellu mad-ditta Jodic Ltd., u dana minn ghada, 6 ta' Gunju, 1979, bl-istess kondizzjonijiet ezatti li kellu qabel.

(ii) Jodic Ltd. ghanda thallas lil Mr. C. Gray il-paga kollha u shiha ghaz-zmien kollhu li hu dam barra mix-xoghol, igifieri mit-2 ta' Frar, 1979, sal- 5 ta' Gunju, 1979, bl-interessi xierqa skond il-kaz, kif ukoll il-beneficci kollha li huwa jista juri li tilef htija tat-tkeccija. Dawn il-hlasijiet ghandhom jaslu lil Mr. Gray mhux aktar tard mit-12 ta' Gunju, 1979.

(iii) Id-ditta Jodic Ltd., in konsultazzjoni mal-Jodic Ltd. Employees Union, ghanda tfittex mill-aktar fis ticcara il-posizzjoni tat-Trainees (kemm wiehed idum Trainee, eccetra), kif ukoll x'inhuma l-production targets cari ghal kull grad ta' mpjegat li ghanda d-ditta.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

5 ta' Gunju, 1979.

mab